A.L. 2 tal-2021

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)
Regoli tal-2021 li jemendaw ir-Regoli dwar l-Iskema Personali tal-Irtirar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 57 u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi u x-xogħol għamel dawn ir-regoli li ġejjin: -

Titolu u bidu fis-seħħ. L.S. 123.163.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2021 li jemendaw ir-Regoli dwar l-Iskema Personai tal-Irtirar, u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar l-Iskema Personali tal-Irtirar, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

(2) Ir-regola 3 għandha tapplika għas-sena ta' stima 2022 u għas-snin ta' stima sussegwenti.

Temenda r-regola 5 tar-regoli prinċipali.

2. Fil-paragrafu (a) tar-regola 5 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "skema tal-irtirar okkupazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "skema personali tal-irtirar".

Temenda r-regola 8 tar-regoli prinċipali.

3. Fir-regola 8 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "ħames mitt euro (€500)" għandhom jidħlu l-kliem "seba' mija u ħamsin euro (€750)".